MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Diċembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 5/2021 LM

**Margaret Puglisi (K.I. 619053M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li waslet għand l-appellant fit-8 ta' Marzu, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], fejn l-Arbitru kkonkluda li l-intimat kien żbaljat meta kkonkluda li r-rikorrenti **Margaret Puglisi (K.I. 619053M)** [hawnhekk 'l-appellata'] kienet tippossjedi riżorsi kapitali aktar

mill-ammont stabbilit bil-liġi bħala limitu, jew li ddisponiet minn kapital tagħha sabiex tkun eliġibbli għal tali għajnuna mill-Istat, u konsegwentement annulla u kkanċella d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tad-29 ta' Lulju, 2019, li permezz tagħha dan iddeċieda li r-rikorrenti kienet tippossjedi riżorsi kapitali aktar minn dak permess bil-liġi, u għalhekk ma kinitx eliġibbli għall-għajnuna medika li applikat għaliha.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti ressqet appell quddiem l-Arbitru wara ittra datata d-29 ta' Lulju, 2019, li fiha hija ġiet mgħarrfa mid-Direttur Ġenerali intimat li l-applikazzjoni tagħha għall-Għajnuna Medika (SKA) ġiet mistħarrġa jew riveduta mill-ġdid, u ġie deċiż li hija m'għadhiex aktar intitolata għal din l-għajnuna, għaliex id-Direttur Ġenerali intimat ma kienx sodisfatt li l-kapital tagħha ma jeċċedix €14,000, u/jew li hija ma ddisponietx mill-kapital tagħha biex tikkwalifika għal tali għajnuna. F'din l-ittra, ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa li f'każ li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat, hija setgħet tressaq l-appell tagħha quddiem l-Arbitru.

**Mertu**

3. Id-Direttur Ġenerali intimat, fit-tweġiba tiegħu b'risposta għall-appell tar-rikorrenti quddiem l-Arbitru, spjega li t-talba tar-rikorrenti għall-għajnuna ġiet miċħuda mid-Dipartiment għaliex irriżulta li qabel ma r-rikorrenti applikat għall-għajnuna, din kienet iddikjarat erba' kontijiet bankarji, li fihom kellha total ta'

€10,005.64, iżda lid-Dipartiment irriżultalu li fit-28 ta' Ottubru, 2015, ir-rikorrenti kellha ddepożitat f'kont minnhom l-ammont ta' €31,338.50. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li meta huwa staqsa lir-rikorrenti dwar kif kienet iddisponiet mid-differenza, din wieġbet li kienet ħallset l-ammont ta' €1,755.34 għaliex kellha ammont pendenti mad-Dipartiment tat-Taxxa, u pprovdiet żewġ irċevuti fiskali li flimkien jammontaw għal €708.50, iżda naqset milli tispjega kif kienet iddisponiet mid-differenza. Qal li għalhekk huwa mhux sodisfatt li r-rikorrenti ma kellhiex kapital li jeċċedi €14,000, jew li din ma ddisponietx minn tali kapital sabiex tikkwalifika għall-Għajnuna għal Mard.

4. Quddiem l-Arbitru ġew ippreżentati xi *statements* bankarji li juru l-ammonti li jagħmel riferiment għalihom id-Direttur Ġenerali intimat.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Frar, 2021, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell b'dan il-mod:

> *"Fatti fil-qosor:*
>
> *Illi permezz ta' ittra li ġġib id-data tad-29 ta' Lulju, 2019, l-Appellanta ġiet infurmata mill-Appellat li l-għajnuna medika (SKA) li hi kienet qed tirċievi kienet ser titwaqqaf peress li hija ma għadhiex tissodisfa l-kriterji meħtieġa mil-liġi għall-għoti ta' dan il-benefiċċju.*
>
> *1.*
>
> *Illi għal din il-konklużjoni tad-Direttur Appellat, l-appellanta, a tenur tad-dritt mogħti lilha mill-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, interponiet Appell fejn issottomettiet illi, hija ma għandhiex aktar minn erbatax-il elf euro (€14,000) u li kienet lesta tikkonferma dan bil-ġurament kif fil-fatt għamlet.*

*Illi d-Direttur Appellat laqa' għal dan l-appell billi kkontenda li wara stħarriġ li għamel id-Dipartiment, l-appellanti kienet fil-pussess ta' riżorsi kapitali li l-valur tagħhom kien jeċċedi l-limitu ta' erbatax-il elf euro (€14,000).*

*Illi l-Appellat żamm sod l-asserzjoni tiegħu u ċioe li l-appellanta baqgħet ma ġabet l-ebda prova ta' kif u fejn intefqet id-differenza bejn l-ammont ta' wieħed u tletin elf, tliet mija tmienja u tletin euro u ħamsin ċenteżmu (€31,338.50) u dak ta' għaxart elef, ħames euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€10,005.64)* (sic!) *u ċioe ta' wieħed u għoxrin elf, tliet mija u tnejn u tletin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€21,332.86).*

*Illi għalhekk, dak li jrid jiġi determinat huwa jekk l-appellanta, fil-perijodu in kwistjoni, kinitx attwalment fil-pussess ta' riżorsi li jeċċedu dak stipulat fil-liġi jew le u jekk le kif iddisponiet minnhom.*

*Provi prodotti*

*Illi sabiex tirribatti din l-asserzjoni da parti tal-appellat, l-appellanta pproduċiet kopja ta' riċevuti fiskali ġia prodotti li l-ammont tagħhom huwa baxx kif ukoll sensiela ta' karti b'figuri u ammonti li b'kollox jeċċedu l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, tliet mija tnejn u tletin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€21,332.86).*

*Illi jidher mill-kalligrafija fuq l-istess karti li dawn il-figuri u deskrizzjoni ta' xogħlijiet ma sarux minn persuna waħda u li jirriflettu x-xogħlijiet deskritti mill-appellanta esegwiti fid-dar tagħha.*

*Illi l-mistoqsija li tqum f'dan l-istadju hija jekk dawn il-figuri li allegatament tħallsu mill-appellanta u ċioe dawn l-ispeċi ta' riċevuti li ma humiex fiskali, jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni bħala prova dwar jekk jiġġustifikawx il-mod kif intefqet id-differenza ta' wieħed u għoxrin elf, tliet mija u tnejn u tletin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€21,332.86)?*

*Ikkunsidra*

*Illi l-punt li jrid jiġi stabbilit huwa wieħed sempliċi u ċioe: l-appellanta rnexxielha tressaq dik il-prova sabiex tiġġustifika n-nefqa?*

*Illi fl-opinjoni tal-esponenti l-appellanta rnexxielha tressaq prova li tiġġustifika n-nefqa u li għalhekk l-allegazzjoni tagħha li hija ma għandhiex ammont ta' flus li jiskorri l-erbatax-il elf euro (€14,000) ġiet sodisfatta.*

*Da parti tal-appellat ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni għar-rigward tal-mod kif intefqu l-flejjes u għalhekk l-esponenti jikkonsidra dan bħala konferma li l-mod kif allegatament intefqu dawn il-flus kien wieħed aċċettabbli għalih.*

*Jiġi sottolineat li l-esponenti ma jarax li hija funzjoni jew kompitu ta' dan l-organu li jara u janalizza jekk il-fatturi ossia riċevuti rilaxxati u preżentati humiex legali jew le. Dan li jrid jistabbilixxi dan il-Bord huwa jekk il-flus ġewx sodisfaċentement utilizzati jew le. Il-validità o meno tar-riċevuti rilaxxati huwa l-kompitu ta' Awtoritajiet oħra.*

*Decide*

*Għaldaqstant l-Arbitru, filwaqt illi jagħmel referenza għas-suespost u għall-aggravji tal-Appellanta kif dedotti, jiddisponi minn dan l-Appell billi:*

*i. Ma jikkondividix il-konklużjoni raġġunta mid-Direttur għal Għajnuna Soċjali u ċioé li l-appellanta kienet tippossjedi riżorsi kapitali aktar minn dak stabbilit bil-liġi;*
*ii. Jannulla u jikkanċella d-deċiżjoni tad-Direttur tad-29 ta' Lulju, 2019 li permezz tagħha sab li l-appellanta kienet tippossjedi riżorsi kapitali aktar minn dak permissibbli bil-liġi;*
*iii. Jilqa' l-appell tal-appellanta kif dedott."*

## <u>L-Appell</u>

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fis-6 ta' April, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fil-25 ta' Frar, 2021, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tad-29 ta' Lulju, 2019. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

Id-Direttur Ġenerali appellant jgħid li huwa jħoss ruħhu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex fil-fehma tiegħu dan naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi, kif ukoll naqas milli japplika l-liġi l-korretta għaċ-ċirkostanzi tal-każ. L-appellant beda biex qal li huwa ben konxju li din il-Qorti ta' Reviżjoni m'għandhiex il-kompetenza li terġa' tevalwa l-provi kif għamel l-Arbitru fl-ewwel istanza. Qal iżda li l-evalwazzjoni *ex novo* tal-provi tista' ssir f'ċirkostanzi

fejn il-Qorti tkun konvinta li jekk tonqos milli tissindika l-apprezzament li jkun sar mill-Ewwel Qorti, tkun qiegħda tikkaġuna inġustizzja manifesta. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu d-deċiżjoni tal-Arbitru mhix korretta għaliex jirriżulta li dan ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq għadd ta' irċevuti u dokumenti li lanqas biss jinsabu fil-proċess. L-appellant għamel riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tal-Arbitru fejn intqal li l-appellanta kienet ipproduċiet irċevuti fiskali li l-ammont tagħhom huwa baxx, kif ukoll sensiela ta' karti u ċifri li b'kollox jeċċedu l-ammont ta' €21,332.86.

7. L-appellant kompla jgħid li minn eżami tal-proċess ma jirriżultax li l-appellata ressqet dawn l-irċevuti u dokumenti bħala prova. Qal li huwa minnu li qabel skattaw dawn il-proċeduri, jiġifieri meta d-Dipartiment kien qiegħed jinvestiga l-applikazzjoni tal-appellata, l-appellata ntalbet tispjega n-nefqa ta' aktar minn €20,000. Qal li huwa minnu li għal dan il-għan l-appellata ppreżentat għadd ta' irċevuti u dokumenti lid-Dipartiment, liema irċevuti u dokumenti għalhekk jinsabu fil-file tad-Dipartiment. L-appellant kompla jgħid li dawn l-irċevuti u dokumenti iżda ma jinsabux fil-proċess li tressaq quddiem l-Arbitru għall-konsiderazzjoni li kellha ssir minnu, u lanqas ma saret talba sabiex dawn id-dokumenti jiġu inseriti fil-proċess. L-appellant qal li ladarba l-appell quddiem l-Arbitru sar mill-appellata, l-oneru tal-prova kien fuqha sabiex tispjega l-flus li kellha fil-kontijiet bankarji tagħha kif intefqu. L-appellant qal li l-unika prova li hemm fl-inkartament hija l-*affidavit* tal-appellata fejn hija ddikjarat bil-ġurament li m'għandhiex €14,000 iddepożitati l-bank, *statement* tal-bank HSBC li juri li fit-2 ta' Ottubru, 2015 l-appellata kellha €31,338.50 iddepożitati l-bank, u li fit-28 ta' Ottubru, 2015 hija ġibdet minnhom l-ammont ta' €4,250, filwaqt li

fit-2 ta' Novembru, 2015 hija kien għad fadlilha l-ammont ta' €27,088.50 iddepożitati l-bank. Prova dokumentarja oħra li ġiet ippreżentata hija l-applikazzjoni tal-appellata għall-Għajnuna għal Mard, fejn hija ddikjarat li kellha erba' kontijiet bankarji li fihom hemm total ta' €10,005.64 iddepożitati. L-appellant qal li għalhekk huwa evidenti li fl-inkartament imkien m'hemm ħjiel dwar kif l-appellata nefqet l-ammont ta' €21,332.86. Qal li minkejja dan, jidher li l-Arbitru kellu aċċess għall-file tad-Dipartiment li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-appellata, u kien għalhekk li fid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru għamel aċċenn għal għadd ta' riċevuti u dokumenti li l-appellata kienet ipprovdiet lid-Dipartiment. L-appellant qal li l-Arbitru qatt ma seta' jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dokumenti li ma jiffurmawx parti mill-proċess, u f'każ li l-Arbitru kien tal-fehma li dawn l-irċevuti u dokumenti kienu ta' importanza għall-vertenza li kellu quddiemu, dan kellu jagħti ordni sabiex tali irċevuti u dokumenti jiġu inseriti fl-atti tal-arbitraġġ. Qal li ladarba l-appellata ma pproduċietx dawn l-irċevuti u dokumenti matul l-arbitraġġ, u ġialadarba l-Arbitru nnifsu ma ordnax li dawn l-istess dokumenti għandhom ikunu parti mill-inkartament tal-arbitraġġ, l-Arbitru ma seta' qatt jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dawn id-dokumenti. Qal li għalhekk fil-fehma tiegħu, l-Arbitru kien żbaljat meta sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq dokumenti li ma jiffurmawx parti mill-atti.

8. L-appellant żied jgħid li peress li huwa jinsab fil-pussess ta' tali dokumenti, ikun propizju li jagħti elenku ta' dawn id-dokumenti fhiex jikkonsistu għall-benefiċċju ta' din il-Qorti. Jirriżulta li l-appellata ppreżentat *invoice* (mhux riċevuta) għall-ammont ta' €600 mingħand Triple A, liema *invoice* hija mingħajr data; *invoice* oħra għall-ammont ta' €130 mingħand Techworld (mingħajr data

wkoll); *invoice* oħra nħarġet fis-27 ta' Novembru, 2015 għall-ammont ta' €550 mingħand Modern Bathrooms Ltd.; *invoice* oħra għall-ammont ta' €21.50 mingħand Modern Bathrooms Ltd., maħruġa fl-4 ta' Diċembru, 2015; żewġ riċevuti temporanji nħarġu minn Studio 9, waħda għall-ammont ta' €100 maħruġa fil-15 ta' Frar, 2016 u l-oħra għall-ammont ta' €290 (mingħajr data); prospett miktub mill-appellata li jindika li ntefqu €13,030 għal xogħlijiet fid-dar, u €5,500 oħra wkoll għal xogħlijiet fid-dar, it-tnejn mingħajr data; u żewġ irċevuti fiskali maħruġa minn Camilleri Optician, waħda fit-28 ta' Diċembru, 2015 u l-oħra fit-12 ta' Marzu, 2015, waħda għall-ammont ta' €158 u l-oħra għall-ammont ta' €70. L-appellant qal li dawn id-dokumenti jindikaw infiq ta' €20,449.50.

9. Qal li l-appellata kienet ipprovdiet għaxar dokumenti/riċevuti sabiex tispjega n-nefqa tagħha ta' €21,332.86, iżda minn dawn id-dokumenti jidher li b'kollox intefaq l-ammont ta' €20,449.50. L-appellant qal li anki hawnhekk, l-Arbitru żbalja meta qal li l-appellata kienet ipproduċiet irċevuti u karti b'ċifri li juru infiq li jeċċedi €21,332.86. L-appellant żied jgħid li meta wieħed jeżamina dawn id-dokumenti fil-fond, isib li huma biss erbgħa minn dawn id-dokumenti li huma irċevuti fiskali, jiġifieri dawk maħruġa minn Studio 9 u minn Camilleri Optician. Qal li dawn l-irċevuti jammontaw għal €618, filwaqt li l-bqija tad-dokumenti jkopru nefqa ta' €19,831.50, u li dawn huma kollha *invoices* jew prospetti miktuba mill-appellata. Qal li għalhekk dawn la huma irċevuti fiskali u lanqas konferma ta' ħlasijiet li saru, u b'hekk qatt ma jistgħu jammontaw għal prova konkreta li l-appellata nefqet l-ammont ta' €19,831.50 għall-bżonnijiet tagħha.

10. L-appellant żied jgħid li kemm fl-*invoices,* kif ukoll fil-prospetti li nkitbu mill-appellata, ma hemm l-ebda indikazzjoni li dawn l-ammonti ġew imħallsa, u għalhekk wieħed ma jistax jassumi li l-appellata nefqet is-somma ta' €19,831.50 għar-raġunijiet indikati minnha. Żied jgħid li fin-nuqqas tal-produzzjoni ta' irċevuti, il-preżunzjoni għandha tkun li l-appellata ma nefqitx is-somma ta' €19,831.50 bil-mod kif qiegħda tallega. L-appellant qal li f'każ li l-appellata ma kellhiex irċevuti fiskali fil-pussess tagħha, hija setgħet tressaq provi oħra li kellha fil-pussess tagħha, fosthom billi tħarrek xhieda li setgħu għamlu xogħol fid-dar tagħha, jew lil dawk li hija allegatament xtrat mingħandhom il-prodotti in kwistjoni. Qal li minn dan kollu ma sar xejn, u għalhekk irid jingħad li l-appellata ma skarikatx l-oneru li kellha fuqha sabiex tipprova li fil-fatt għamlet dawn il-pagamenti. Żied jgħid li ladarba dan ma sarx, l-Arbitru ma seta' qatt jemmen il-verżjoni tal-appellata li hija kienet nefqet is-somma ta' €19,831.50 għall-bżonnijiet personali tagħha, u għalhekk id-Dipartiment kellu raġun meta wara li evalwa l-każ iddeċieda li ma setax ikun sodisfatt li l-appellata ma ddisponietx minn ġidha sabiex tkun tista' tikkwalifika għall-Għajnuna għal Mard.

11. L-appellant qal l-artikolu 20 l-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal għadd ta' rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun eliġibbli għall-Għajnuna għal Mard. Kompla jgħid li waħda minn dawn ir-rekwiżiti hija proprju li l-mezzi kollha fil-ġimgħa tal-membri tal-familja tal-applikant/a għandhom ikunu kkalkulati skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att, li jispeċifika li f'każ ta' familja li tikkonsisti minn persuna waħda biss, il-kapital għandu jkun ta' €14,000. L-appellant għamel riferiment ukoll għall-parti tal-liġi li tgħid li kull proprjetà jew dħul li jiġu kkalkolati għandhom jinkludu kull

proprjetà jew dħul li xi membru tal-familja jew l-individwu jkun direttament jew indirettament ċaħħad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd għal Għajnuna għal Mard. L-appellant kompla jgħid li f'dan il-każ, ladarba l-appellata naqset milli ġġib biżżejjed provi li hija ma ċaħħditx lilha nnifisha mill-kapital tagħha b'mod kapriċċjuż, id-Direttur Ġenerali ma setax ikun sodisfatt li hija kienet eliġibbli għall-Għajnuna għal Mard. Huwa kkonkluda r-rikors tal-appell tiegħu billi qal li huwa mhux qiegħed f'qagħda li jittollera abbużi. Qal li fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas milli japprezza korrettement il-provi miġjuba matul l-arbitraġġ, kif ukoll naqas milli jieħu kont tal-interpretazzjoni li ngħatat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fir-rigward tan-nuqqas ta' irċevuti fiskali bħala prova ta' nefqa partikolari li jiġi allegat li tkun saret, kif ukoll naqas milli japplika korrettement id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 u tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda għall-Kap. 318, u naqas ukoll milli japplika l-prinċipji ta' ekwità u ta' ġustizzja skont l-obbligu impost fuqu bl-artikolu 108(9) tal-istess Kapitolu.

12. L-appellata ma ressqet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, u dan minkejja li kienet debitament notifikata bir-rikors tal-appell.

13. Peress li mill-atti rriżulta li sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru ħa konjizzjoni ta' dokumentazzjoni li ma tinsabx fl-inkartament li ġie ppreżentat quddiem il-Qorti, waqt l-udjenza tat-23 ta' Ġunju, 2021, il-Qorti tat digriet li f'kull każ li fih ikun involut id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, għandu jiġi ppreżentat quddiem din il-Qorti *animo ritirandi* l-file oriġinali tad-Dipartiment jew vera kopja sħiħa awtentikata tiegħu, sabiex il-Qorti tkun tista' tieħu konjizzjoni ta' dawn l-atti wkoll qabel tasal għad-deċiżjoni tagħha. Dawn id-

dokumenti ġew ippreżentati mid-Direttur Ġenerali appellant permezz ta' nota tal-1 ta' Lulju, 2021, stante li kif irriżulta waqt it-trattazzjoni orali li semgħet din il-Qorti, id-Direttur Ġenerali appellant kien fil-pussess ta' dawn id-dokumenti. Jirriżulta li dawn id-dokumenti jikkonsistu f'għadd ta' *invoices* għal xogħlijiet fid-dar, fosthom għal tibdil ta' kamra tal-banju, erba' irċevuti fiskali, kif ukoll prospett miktub bl-idejn mill-appellata, li jagħti dettalji ta' xi xogħol li sar fid-dar tal-appellata, u li jkopri l-parti l-kbira tal-ispejjeż allegatament minfuqa minnha mill-kapital li kellha investit f'isimha. *Statements* bankarji oħra ppreżentati juru li d-depożiti tal-appellata baqgħu jonqsu tul is-snin.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, wara li kkonsidrat l-atti kollha li kellha quddiemha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Il-Qorti qabel tasal għad-deċiżjoni tagħha, tevalwa l-provi kollha li jirriżultaw mill-proċess, inkluż l-atti u d-dokumenti li jkunu ġew ippreżentati quddiem l-Arbitru. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ, hija eżaminat ukoll id-dokumentazzjoni kollha li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu d-Direttur Ġenerali appellant sabiex wasal għad-deċiżjoni li ħa li jirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellata għall-Għajnuna għal Mard, billi kien abbażi ta' dawn id-dokumenti li l-appellant sawwar l-appell tiegħu. Jirriżulta wkoll illi mhux dawn id-dokumenti kollha tressqu bħala prova quddiem l-Arbitru, għalkemm b'xi mod l-Arbitru xorta waħda ħa konjizzjoni tagħhom.

*L-ewwel aggravju:* *[apprezzament ħażin tal-provi]*

15. L-appellant jgħid li huwa ħassu aggravat għaliex sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru ħa konjizzjoni ta' provi u dokumenti li ma kinux fl-atti li tressqu għall-konsiderazzjoni tiegħu. Fil-fatt jirriżulta mill-atti esebiti, li l-Arbitru ma kienx edott mill-provi dokumentarji kollha li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-appellant meta dan ħa d-deċiżjoni tiegħu li jirrifjuta l-benefiċċju li applikat għalih l-appellata. Fil-fatt, wara n-nota ppreżentata fl-1 ta' Lulju, 2021, din il-Qorti setgħet tapprezza li l-provi miġjuba mill-appellata bħala prova tal-mod kif hija nefqet il-kapital li hija kellha ddepożitat f'isimha, kienu jikkonsistu minn erba' irċevuti fiskali, li jammontaw biss għal ftit mijiet ta' Euro, għadd ta' *invoices* mingħajr data, li jindikaw li sar xogħol ta' tibdil ta' kamra tal-banju, kif ukoll żewġ prospetti miktubin minn idejn l-appellata, u li jkopru l-parti l-kbira tal-flejjes minfuqa minnha, li jelenkaw l-ispejjeż li saru b'rabta ma' xi xogħol li allegatament sar fid-dar tal-appellata. L-appellata ma ressqet l-ebda prova oġġettiva sabiex tissostanzja l-prova li riedet tagħmel meta ppreżentat quddiem id-Direttur Ġenerali appellant prospett bl-ispejjeż minfuqa minnha, bħal ma kienet tkun ix-xhieda ta' xi ħaddiem li ħadem fid-dar tagħha, jew xi irċevuta ta' materjal mixtri, jew ix-xhieda ta' xi ħadd li hija xtrat l-affarijiet meħtieġa mingħandu. L-appellata ppretendiet li dokument miktub minn idejha kellu jservi bħala prova suffiċjenti li l-flejjes minfuqa minnha, u li jeċċedu l-għoxrin elf Euro, intefqu minnha għal miljoramenti u manutenzjoni li kellha bżonn tagħmel fid-dar tagħha. Huwa hawn fejn il-Qorti tqis li d-Direttur Ġenerali appellant għandu raġun kemm fl-aggravju li ressaq, kif ukoll fid-deċiżjoni li ħa dwar jekk l-appellata għandhiex titqies bħala eliġibbli biex tirċievi Għajnuna għal Mard. Dan għaliex

mill-*istatements* bankarji ppreżentati jirriżulta li l-appellata kellha l-ammont ta' €31,338.50 ddepożitat f'kont f'isimha sat-28 ta' Ottubru, 2015, iżda fit-13 ta' Novembru, 2015 din ġibdet minn dan il-kont l-ammont ta' €17,000 għall-użu personali tagħha. Imma l-appellata ma ġabitx provi suffiċjenti sabiex turi kif dawn il-flejjes, jew almenu l-parti l-kbira tagħhom, kienu intefqu. Jirriżulta li sat-2 ta' Diċembru, 2015, l-appellanta kien għad fadlilha l-ammont ta' €10,088.50 ddepożitati f'isimha, u għalhekk wara li nġibdu €17,000 mill-kont tagħha, *prima facie* hija kellha titqies li hija eliġibbli għall-għajnuna li applikat għaliha.

16. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-appellata, sabiex tipprova li l-flus li nġibdu minnha verament intefqu minnha għal miljoramenti jew għal xogħol ta' manutenzjoni li kellha tagħmel fid-dar tagħha. Iżda tali prova ma nġabitx, u għalhekk l-appellant kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu li l-appellata setgħet iddisponiet minn ġidha sabiex tkun tista' tikkwalifika għall-għajnuna medika. Fil-fatt jirriżulta li hemm l-ammont ta' aktar minn €19,000 li huwa *unaccounted for,* għaliex l-appellata naqset milli ġġib provi suffiċjenti sabiex turi dawn il-flus fuq xiex intefqu. Kien jinkombi fuq l-appellata li tressaq provi suffiċjenti sabiex tipprova fejn marru l-flus u kif intefqu, għaliex fin-nuqqas ta' prova bħal din, ikollu raġun l-appellant jasal għall-konklużjoni li l-appellata mhijiex eliġibbli għall-għajnuna li applikat għaliha. Tqis għalhekk li dan l-aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[nuqqas ta' applikazzjoni korretta tal-liġi mill-Arbitru]*

17. L-appellant qal ukoll li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett. Spjega li l-artikolu 20 tal-Kap. 318 jistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti li jridu jiġu

sodisfatti sabiex persuna tkun eliġibbli għall-Għajnuna għal Mard, fosthom li jrid jiġi stabbilit li persuna ma jkollhiex assi li jeċċedu l-€14,000, u fil-komputazzjoni tal-assi ta' persuna għandhom jingħaddu kull proprjetà jew dħul li l-applikant ikun direttament jew indirettament ċaħħad lilu nnifsu minnhom sabiex jitqies eliġibbli għall-għajnuna li jkun talab. Qal li f'dan il-każ l-Arbitru kellu l-obbligu li jassigura li l-appellata ġabet provi sufficjenti li kellhom iwassluh għall-konvinċiment morali li l-infiq li sar mill-appellata ma sarx kapriċċożament jew bl-intiża li din tirrendi lilha nnifisha eliġibbli għall-għajnuna li talbet. Qal li l-Arbitru kellu obbligu jistħarreġ sabiex jara jekk in-nefqa tal-appellata kinitx ġustifikata jew inkella jekk tali nefqa kinitx biss skuża biex l-appellata tostor il-fatt li kienet iddisponiet mill-kapital tagħha sabiex titqies li hija eliġibbli għall-għajnuna. L-appellant qal illi li kieku l-Arbitru qeda l-obbligi tiegħu bil-mod kif kien mistenni, dan seta' faċilment jasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha l-appellant, jiġifieri li l-appellata mhijiex eliġibbli għall-għajnuna li applikat għaliha. L-appellant spjega li ladarba l-appellata naqset milli tressaq provi sufficjenti sabiex turi hija kif nefqet il-kapital tagħha, huwa kellu jieħu d-deċiżjoni li ħa, partikolarment għaliex huwa mhuwiex f'qagħda li jittollera abbużi.

18. Fl-ewwel lok irid jingħad li d-Direttur Ġenerali appellant, fil-funzjoni fdata lilu mil-leġislatur, irid joqgħod attent li l-benefiċċji soċjali jingħataw lil min verament għandu bżonnhom, u li ma jiġu ttollerati l-ebda abbużi f'dan ir-rigward. Din il-Qorti taqbel li l-eżerċizzju li jrid isir fir-rigward tal-assi u l-kapital tal-applikant irid ikun wieħed rigoruż, fejn l-applikant irid ikun kapaċi jikkonvinċi lill-appellant li huwa verament eliġibbli u għandu bżonn l-għajnuna li qiegħed

jitlob. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ jirriżulta li l-appellata naqset milli tagħmel dan, u għalhekk l-Arbitru ma setax jasal għall-konklużjoni li wasal għaliha, għaliex l-Arbitru jew kien qiegħed jinjora l-provvedimenti tal-liġi, li jgħidu li l-kapital tal-applikant ma jistax jeċċedi ċertu ammont, jew inkella kien qiegħed jinjora l-prinċipji tal-ekwità u tal-ġustizzja għaliex applika prinċipji li f'dan il-każ ma kellhomx jiġu applikati, partikolarment fir-rigward tal-valur probatorju ta' dak li stqarret l-appellata. F'dan il-każ ma jistax jintqal li l-provi miġjuba mill-appellata kienu suffiċjenti biex l-Arbitru jkun konvint li l-appellata nefqet l-ammont ta' aktar minn €20,000 fuq miljoramenti u bżonnijiet oħra li kellha tagħmel fid-dar, u l-unika prova oġġettiva li wieħed jista' jgħid li nġabet kienet fil-forma ta' irċevuti fiskali maħruġa minn Camilleri Opticians u minn Studio Nine, liema irċevuti jammontaw biss għal ftit mijiet ta' Euro u ma jkoprux l-infiq kollu li allegatament għamlet l-appellata.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki it-tieni aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi filwaqt li tilqa' l-aggravji tal-appellant, qiegħda tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant fl-ittra tiegħu tad-29 ta' Lulju, 2019.**

**Spejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**